**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 295/2023/1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**John Borg**

**Illum, 11 ta' Jannar, 2023**

Il-Qorti,

Rat li **John Borg** detenur tal-karta tal-identita Maltija **0430258M**, ġie imressaq il-Qorti akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ġie akkużat talli:

Nhar is-**07 ta' Marzu, 2022** għal ħabta ta' l-**16:00hrs** ġewwa **Santa Venera:**

1. Hebb sabiex ingurja, dejjaq jew għamel ħsara lil Carmela Borg jew lil ħaddiehor, kemm–il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-kodiċi;

2. Għamel inġuriji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lil martu ċioe' Carmela Borg, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ħtija, sabiex tipprovdi ghall-persuni ta' Carmela Borg jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil John Borg billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq u/jew torbot lil John Borg b'obbligazzjoni tieghu nifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-24 ta' Lulju ,2023, fejn sabet illi imputat John Borg mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu fejn konsegwentement illiberatu minn kull htija u piena minnha. Sabet lill-imputat John Borg hati tat-tieni mputazzjoni migjuba kontra tieghu fejn konsegwentement, wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tinzamm il-paci bejn il-partijiet kif ukoll l-ordni pubblika, rabtet u obbligat lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu illi ma jimmolestax, ma jiffastidjax u ma jdejjaqx lil Carmela Borg ghal zmien tnax il-xahar (12) u dan taħt penali ta' elf Euro (€1000) fl-eventwalita' li hu ma josservax dawn l-ordnijiet fiz-zminijiet stipulati minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant John Borg, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Awwissu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-esponenti hati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

<u>Apprezzament Żbaljat tal-Provi Prodotti</u>

Illi dan huwa appell limitat ghat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-esponenti.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti bbazat id-decizjoni taghha biss fuq il-verzjoni moghtija mill-*parte civile* u cioe Carmen Borg, u dan peress illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova ohra. L-imsemmija Qorti ma kkunsidratx ix-xhieda ta' Carmen Borg fid-dawl ta' dak li ddepona l-esponent li, ghalkemm mhux obbligat jixhed, ddecieda u ta spjegazzjoni tal-verzjoni tal-fatti.

Illi fix-xhieda tieghu l-esponenti spjega li hekk kif ra l-hwejjeg tieghu mitfughin bl-addocc huwa saqsa lilll-martu sabiex ma tmisslux l-affarijiet tieghu u dan stante illi huma t-tnejn biss jghixu gewwa din ir-residenza. Huwa kompla jispjega illi dakinhar tal-incident giet oht il-*parte civile* u sema' lil Carmen Borg tghajjru ma' ohta u tiddeskrivih maghha bhala "*indanna*t" filwaqt li qaltilha wkoll li la t-tfal- u cioe t-tfal tal-partijiet u lanqas il-girien ma jahmluh. Kien f'dan il-punt illi l-esponenti jikkonferma illi lill-martu huwa rrefera ghaliha bhala " *halliela*".

Illi jsegwi ghalhekk illi l-esponenti gie pprovokat sabiex jghid dan il-kliem fil-konfront ta' martu Carmen Borg u dan wara li sema' lill-istess Carmen Borg tghajjru ma' ohtha.

Illi tenut kont ta' dan kollu, l-esponenti umilment jirrileva illi huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova mehtiega ghas-sejbien ta' htija kriminali jintlahaq b'success, liema grad certament ma ntlahaqx fil-kaz odjern u ghalhekk l-esponenti umilment isostni li lanqas ma seta jinstab hati tat-tieni imputazzjoni.

Oltre dan u fi kwalunkwe kaz, ma sarx apprezzament tal-fatt illi kienet il-parte civile stess illi pprovokat lill-imputat kemm bl-ingieba taghha kif ukoll bil-kliem li ntqal fil-konfront tieghu.

Rat l-atti tal-kawża inkluż ir-risposta tal-Avukat Ġenerali preżentata fl-atti nhar it-22 ta' Novembru 2023.

Rat il-provi kollha miġbura.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-każ u dan fis-seduta tas-7 ta' Diċembru, 2023.

**Ikkunsidrat.**

Illi fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant fl-aggravju tiegħu isostni li l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u in oltre straħet fuq ix-xhieda mogħtija mill-*parte civile ad esclusionem* tax-xhieda tal-istess appellant mogħtija minnu volontarjament.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi għalhekk din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni trid tesamina mill-ġdid il-provi imressqa u dan sabiex tara jekk l-ewwel Qorti kintix korretta meta tat id-deċisjoni tagħha fis-sens li kienet *safe and satisfactory.*

Rat l-affidavit ta' **PS 575 M Tonna** fejn spejga li nhar is-7 ta' Marzu 2022 Carmela Borg irraportat ġewwa l-GBDV sabiex tagħmel rapport kontra żewġha l-appellant John

Borg. Din spjegat li nhar is-7 ta' Marzu 2022 meta kienet id-dar f'Santa Venera kien hemm ukoll żewġha li beda jgħajjarha u joffendiha bil-kliem 'F'o… *kemm ghandek'* kif ukoll beda jheddida bil-kliem *' hazin ikun ghalik jekk terga tmiss l-affarijiet tieghi'*. Spjegat li dan kien ġara minħabba li binthom kienet għamlet xi ħwejjeġ ta' John f'posthom. Qalet ukoll li meta marret oħtha id-dar John reġa beda joffendiha . *'F'… familtek.'*. Sarilha *risk assessment* li ta riżultat ta riskju standard. Ta' tmien punti.

Nhar l-10 ta Marzu 2022 l-appellant mar l-unit fejn ġie spejgat lilu r-rapport li kien sar fil-konfront tiegħu. Huwa ingħata id-drittijiet tiegħu u qal li l-avukat tiegħu kien qallu sabiex ma jgħid xejn. Mistoqsi jekk kienx ser jagħti l-verżjoni tiegħu dwar l-allegat inċident li kien seħħ nhar is-7 ta' Marzu 2022 f'Santa Venera għażel li jibqa' sieket.

Carmela Borg xehdet nhar id-29 ta' Novembru 2022 u kkonfermat li nhar is-7 ta' Marzu 2022 kienet għamlet rapport dwar żewġha l-appellant. Spjegat li kienu għaddejjin minn separazzjoni. Tgħid li nhar is-7 ta' Marzu 2022 dan beda jgħajjat u jitkellem baxx u jkellimha ħazin. Dan kollu seħħ għaliex binthom kienet irranġat xi ħwejjeġ tiegħu u weħlet hi miegħu u kien għalhekk li qallilha 'ikun ħażin għalik jekk terġa tmisshom'. Mistoqsija x'qallha dakinhar tgħid li qallha *'F'…kemm ghandha, f'…familtek u hazi ikun ghalik.'* Beda jakkużaha li qed tmisslu l-affarijiet tiegħu u tmexxihom minn posthom meta hija qalet li qatt ma neħħiet xejn iżda kienet binthom Raylene li kienet missiethom. Baqa' joffendiha. Dan l-inċident seħħ ġewwa id-dar tagħhom fi Triq is-Sol, Santa Venera. Qalet li bi kliemu żewġha ibeżżagħħha. L-inċident kien wieħed verbali. Apparti il-kliem ta' tgħajjir u kliem faħxi ma qallha xejn iktar. Mistoqsija jekk qaltlux xi kliem qabel tgħid li fl-ebda ħin ma kienet kellmitu u għalhekk ma hux minnu li kienet ipprovokatu. Ix-xhud baqgħet tgħid fuq inċidenti oħra li ma humiex parti minn l-akkuża odjerna u għalhekk din il-Qorti ma hiex ser tagħmel referenza għalihom.

**John Borg** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-10 ta' Jannar 2023. Qal li huwa miżżewweġ mal-parte civile u jgħixu fl-istess post ġewwa Santa Venera. Jgħid li jgħixu fi flat antik u biex biex tmur minn post għal ieħor fid-dar trid tgħaddi minn

kamra għal kamra. Xehed fuq diversi rapport li saru mill-kwerelanti fil-konfront tiegħu u fil-fatt ix-xhieda tiegħu hija waħda ġenerali.

Dwar l-inċident li allegatament seħħ nhar is-7 ta' Marzu 2022 jgħid li kien tewa l-ħwejjeġ u għamilhom fil-cupboard tal-kuritur biex jiġborhom. Iżda jgħid li mar xi ħadd u qabad ħwejjġu u għamilhom bla addoċċ , tefgħulu l-barmil fejn jgħamel pipi filgħaxija fuq il-ħwejjeġ, il-face cloth fil-barmil u missewlu l-affarijiet tiegħu Qal li marret oħt Carmela u beda jirrabja u din qabżet għax beda jirrabja u beda jidgħi u jgħid sabiex ħadd ma jmislu l-affarijiet tiegħu. Qabżet oħt Carmela, Lucienne Grech u qalet '*dak xi gralu f….kemm ghandu dejjem indannat u purcinell.* Dak il- ħin Carmela daret fuq oħtha u qaltilha '*tatix kazu dak dejjem indannat, qas it-tfal ma jahmluh'*, Dak il-ħin dar fuq martu u qallha '*mur ja halliela'I Jghid lihuw aingurja wara li kient qalet dak id-diskors.*

Jgħid li ħarġet mill-flat tgħajru li lanqas it-tfal ma jaħmluħ u lanqas nies fil-flat ma jaħmluħ. Oħtha reġgħet bdiet toffendih. Mistoqsi ta' min hu l-cupboard jgħid li kulħadd jużah ipoġġu iż-żraben ġo fih.

Illi għalhekk din il-Qorti hija infaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' min beda l-inċident u min beda jgħajjar lil min. Din il-Qorti pero hija iktar propensa bħal l-ewwel Qorti li temmen lill-parte civile li kien l-appellant li beda jgħajjar lill-parte civile u jkellimha ħażin tant li kellha tmur oħtha Lucienne Grech.

Illi l-appell sar biss fit-tieni akkuża u ċioe li nġurjaha. Jidher li l-parte civile kienet u baqgħet dejjem konsistenti fil-verżjoni tal-fatti kif spjegati minnha a tempo vergine meta għamlet ir-rapport u xhur wara meta xehdet il-Qorti waqt li kif sewwa osservat l-ewwel Qorti l-appelant jispjega tajjeb x'wassal għall-inċident u ċioe x'kien ġara anteċedenti għall inċident pero meta jixhed b'referenza għall-inċident u t-tgħajjir ikun naqra konfużjonarju u b'hekk din il-Qorti ma tħossx li għandha torbot fuqu.

Għalhekk din il-Qorti qed tiċħad l-appell tal-appellant u tikkonferma is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward mertu kif ukoll rigward l-piena imposta.

Tikkonferma għalhekk l-obbligazzjoni maħruġa ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna li l-perjodu ta' sena jibda jiddekorri mill illum. L-ordni

maħruġa mill-ewwel Qorti għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza b'dan illi l-perjodu ta' sena fejn l-appellant ma jistax jimmolesta, jinġurja jew idejjaq lill-parte civile jibda jiddekorri mill-llum stess.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Imhallef